MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 41/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C 3177)**

**vs**

**Isabella Micallef**
**(ID 24370(M))**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-31 ta’ Jannar 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ tmien t’elef, tmien mija u wiehed u tletin Ewro, tmenin centezmu (€8,831.80) rapprezentanti bilanc ta’ debitu maghmul mal-Bank attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ April 2011 kif ukoll il-Mandat ta’ Sekwestru numru 294/12 u bl-imghax mis-26 t’April 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-konvenuta permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta’ Lulju 2012 (vide fol 7) kif ukoll permezz ta’ affissjoni li sehhet fil-15 ta’ Gunju 2012 u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datata 15 ta’ Gunju 2012 (fol 9 tergo).

Illi fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012 dehret l-konvenuta illi infurmat lill-Qorti li kienet gia ftehmet mal-Bank attur.

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2012 regghet dehret l-konvenuta li pprezentat u qrat nota ta’ ammissjoni taghha tat-talba kif dedotta u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Illi fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2012 giet ridotta t-talba attrici ghall-ammont ta’ seba’ t’elef, tmien mija u tmien euro u tnejn u tletin centezmu (€7,808.32).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-konvenuta u wara illi rat in-nota ta’ riduzzjoni, issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici, kif ridotta, tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ t’elef, tmien mija u tmien euro u tnejn u tletin centezmu (€7,808.32) rapprezentanti bilanc ta’ debitu maghmul mal-Bank attur ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi, lkoll kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------